MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 202/2003/1

**Renald Formston u ghal kull interess li jista jkollu Anthony Formston**

**v.**

**Victoria Insurance Agency Ltd bhala agenti ta' Citadel Insurance PLC u l-istess Citadel Insurance PLC**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni ppresentata quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Frar, 2003, l-atturi ppremettew:-
Illi l-attur Renald Formston huwa l-proprjetarju ta' Peugeot 307 li ghandha numru tar-registrazzjoni FMS 268, liema vettura kienet assigurata mas-socjeta` konvenuta Citadel Insurance plc u dana taht polza 'fully comprehensive' (kopja tal-polza hawn annessa u immarkata'RFl');

Illi l-vettura in kwistjoni inharqet fit-18 ta' Novembru 2002 u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghandu jirrizulta li l-polza ta' l-assikurazzjoni tghajjat liz-zewg atturi konguntivament;

Illi wara li nharqet il-vettura l-atturi ghamlu d-debita 'claim' mas-socjeta` konvenuta Citadel Insurance plc;

Illi s-socjeta` konvenuta Citadel Insurance plc, minghajr ebda raguni valida fil-ligi, qed tirrifjuta li tikkumpensa lill-atturi l-valur tal-karozza mahruqa hekk kif ikkowtata fil-polza assikuratrici in dezamina;

Illi l-atturi sofrew ukoll danni a kawza tal-agir tal-konvenuti jew min minnhom;

Dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-atturi huma koperti bil-polza ta' assikurazzjoni hawn fuq indikata;
2. tiddikjara ulterjorment illi l-hruq li sehh fit-18 ta' Novembru 2002 huwa wahda mic-cirkostanzi koperti mill-stess polza asikurativa u per konsegwenza is-socjetajiet konvenuti jew minn minnhom ghandom ihallsu a bazi tal-stess polza assikurativa;
3. tiffissa l-valur tal-vettura Peugeot 307 li ghandha numru tar-registrazzjoni FMS268, a bazi tal-stess polza assikurativa;
4. tikkundanna lis-socjetajiet jew minn minnhom ihallsu l-valur hekk iffissat lill-atturi;

5. fin-nuqqas illi dan isir u f'kaz illi t-talbiet hawn fuq dedotti ma jigux akkolti minn dik il-Qorti, tiddikjara illi l-konvenuti jew minn minnhom minhabba l-agir taghhom huma responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-atturi;
6. tiddikjara illi minhabba tali agir abbuziv da parti tal-konvenuti jew min minnhom l-atturi sofrew danni;
7. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi;
8. tordna illi l-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi s-somma illikwidata ai fini tas-seba talba;

Bl-ispejjez u bl-imghax u s-socjetajiet konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni;

B'nota pprezentata fit-3 ta' Ottubru, 2003 is-socjetajiet konvenuti eccepew:-

Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante:

1. Illi preliminarjament, l-attur Renald Formston m'ghandux interess guridiku fil-kawza odjerna stante li ma kienx parti mir-relazzjoni kontrattwali bejn l-attur l-iehor Anthony Formston u s-socjeta` eccipjenti Citadel Insurance p.l.c.;
2. Illi preliminarjament in kwantu jirrigwarda lis-socjeta` eccipjenti Victoria Insurance Agency Limited hija m'hijiex il-legittimu kontradittur stante li hija agixxiet biss in rapprezentanza tas-socjeta` eccipjenti l-ohra Citadel Insurance p.l.c., u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
3. Illi ma sehh ebda incident li ghalih ghandhom jaghmlu tajjeb is-socjetajiet eccipjenti;
4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu respinti stante li l-attur Anthony Formston, kiser l-obbligu ta' uberrimae fidei, kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza, billi ghamel dikjarazzjoni falza fil-proposal form, li kif inhu risaput hija parti integrali tal-polza tal-assikurazzjoni, u kwindi dikjarazzjoni falza maghmula fil-proposal form hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza;
5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Wara li c-citazzjoni attrici giet korretta b’nota addizzjonali s-socjeta konvenuta Citadel Insurance p.l.c. eccepiet ulterjorment:-

1. Illi s-socjeta` esponenti giet notifikata bic-citazzjoni kif korretta, u teccepixi ulterjorment;
2. Preliminarjament, hija m'hijiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici godda, u cioe' dawk Ii jirreferu ghal danni allegatament sofferti mill-atturi, u ghalhekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi;
3. Preliminarjament ukoll, u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni premessa, it-talbiet attrici Ii jirreferu ghal danni allegatament sofferti mill-atturi huma preskritti a tenur tal-Artkolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);
4. Illi fil-mertu, u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet premessi, it-talbiet attrici godda huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

Salv eccezzionijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Wara li giet emendata ic-citazzjoni s-socjeta` Victoria Insurance Agency Limited (C23244) eccepiet ulterjorment:-

1. Illi s-socjeta` espenenti giet notifikata bic-citazzjoni kif korretta, u teccepixxi ulterjorment;
2. Preliminarjament it-talbiet attrici li jirreferu ghal danni allegament sofferti mill-atturi huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);
3. Illi fil-mertu, u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet premessi, it-talbiet attrici godda huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk, ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

**Is-sentenzi appellati:**

Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’zewg sentenzi, wahda preliminari u wahda finali. B’dik preliminari moghtija fis-17 ta’ April 2008 l-Ewwel Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta` Victoria Insurance Agency Limited u laqghet ukoll it-tielet eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta` Citadel Insurance p.l.c. u konsegwentement iddikjarat illi t-talbiet attrici, mizjuda b’awtorizzazzjoni tal-Qorti permezz ta’ digriet taghha tas-16 ta’ Jannar, 2007, bhala preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.
Dik il-Qorti kkonkludiet hekk fis-sentenza preliminari wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza ‘in parte’ dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjetajiet konvenuti fin-noti ta’ eccezzjonijet ulterjuri taghhom;

“Ikkunsidrat :

“Illi s-socjetajiet konvenuti ressqu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16;

“Illi l-atturi jikkontendu illi huma talbu sabiex jigu awtorizzati jikkorregu ic-citazzjoni wara illi xehed Tonio Montesin fit-23 ta’ Mejju 2005, peress illi dakinhar Montesin xehed illi kien hu stess illi issuggerixxa illi l-assikurazzjoni tkun registrata fuq Antoine Formston minflok fuq huh Renald Formston sabiex jagevola lil dan tal-ahhar, u ghalhekk dakinhar Montesin espona ruhu ghad-danni.

“L-atturi ghalhekk issottomettew illi l-preskrizzjoni ta’ sentejn tibda tghaddi mit-23 ta’ Mejju 2005 u dan ai terminu tal-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jghid hekk “Bla hsara ta’ disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista’ tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.”

“Ikkunsidrat :

“Illi minn ezami tal-affidavit tal-attur Renald Formston, pprezentat minnu fit-12 ta’ Dicembru 2003, jirrizulta car illi

l-atturi kienu jafu illi Tonio Montesin issuggerixxa illi l-assikurazzjoni tal-atturi tkun registrata f'isem Antoine Formston. Effettivament, Renald Formston ighid hekk fl-affidavit tieghu :
"Tonio Montesin ghalhekk issuggerixxa li l-insurance issir fuq hija Anthony sabiex b'hekk, minhabba n-'no claim bonus', niffranka l-flus u l-prezz nizel ghal LM350."

"Illi tant l-atturi kienu jafu bl-involviment ta' Tonio Montesin illi anke semmewh bhala xhud taghhom fic-citazzjoni bhala "li tratta ma l-attur biex jixhed dwar l-istess".

"Illi ghalhekk m'huwiex minnu illi l-atturi setghu jitolbu l-korrezzjonijiet fic-citazzjoni wara illi semghu ix-xiehda ta' Tonio Montesin fit-23 ta' Mejju 2005;

"Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti qeghda tilqa' it-tieni eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta` Victoria Insurance Agency Limited u tilqa' it-tielet eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta` Citadel Insurance p.l.c. u konsegwentement tiddikjara illi it-talbiet attrici, mizjuda b'awtorizzazzjoni tal-Qorti permezz tad-digriet taghha tas-16 ta' Jannar 2007, huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16.

"Bl-ispejjez kontra l-atturi."

Fit-18 ta' Frar, 2009 l-ewwel Qorti ddecidiet finalment l-mertu bil-mod segwenti:
*"Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti una volta iddecidiet il-kawza fuq il-mertu tilqa it-tielet u r-raba eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti u tichad l-ewwel erba' talbiet tal-atturi. Illi fir-rigward tal-hames, sitt, seba u tmien talbiet atturi taghmel referenza tas-sentenza taghha in parte tas-17 ta' April, 2008 u tiddikjara illi l-hames, is-sitt u is-seba u it-tmien talbiet attrici huma preskritti. Bl-ispejjez kontra l-atturi."*

Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet il-kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet kif hawn taht riportati:
“Illi irrizulta mix-xhieda tal-attur Anthony Formston illi hu jigi hu l-attur l-iehor Renald Formston. Anthony Formston xehed illi huh Renald kien il-proprjetarju tal-vettura tal-ghamla Peugeot 307 numru ta’ registrazzjoni FMS 268 u kien xtara din il-vettura ghall-habta tal-1993. Hu kien issuggerhielu li jinxurja ma l-istess ditta ta’ assikurazzjoni fejn kien jinxurja l-vettura tieghu hu. Ghalhekk ha lil huh fl-ufficju tas-socjeta` assikuratrici konvenuta Citadel Insurance. Hemm hekk intaqghu mas-Sur Montesin u hu kien qallu li gab lil huh u talbu jirrangalu prezz tajjeb ghall-insurance. Anthony Formston xehed li huh ried jinxurja l-vettura ‘fully comprehensive’ u l-ewwel prezz li ikkwotalu is-Sur Montesin kien ta’ xi seba’ mitt lira (LM700) u peress li raw li s-somma kienet ftit gholja is-Sur Montesin kien spjegalhom li jekk l-insurance issir fuqu, jigifieri fuq Anthony Formston, Renald kien jiffranka xi flus minhabba non-claim bonus u l-prezz nizel ghal madwar tlett mija u hamsin lira (LM350) u ghalhekk il-policy tal-insurance harget f’isem l-attur Anthony Formston, izda il-proprjetarju tal-vettura kien Renald Formston. Anthony Formston xehed illi l-firma fuq il-proposal form ma kienitx tieghu. Mistoqsi dwar jekk kienx jaf li kien hemm klawsola illi kienet tistaqsi jekk hu kienx wettaq xi reati Anthony Formston qal illi ma kienx hemm din il-klawsola. Huwa qal illi sar jaf illi l-vettura instabet mahruqa fil-lejl tat-18 ta’ Novembru 2002 meta qam ghax-xoghol filghodu u raha mahruqa.

“Illi xehed l-attur Renald Formston u qal illi kien xtara l-vettura Peugeot 307 gdida minghand l-agent f’Jannar 2002 u spjega c-cirkostanzi dwar kif mar jinxurja l-vettura ma huh Anthony Formston, kienu kellmu lil Tonio Montesin tas-Citadel Insurance u kienu fuq suggeriment ta’ Tonio Montesin inxurjaw il-vettura f’isem Anthony Formston biex minhabba in-nonclaim bonus huwa jiffranka l-flus u jhallas tlett mija u hamsin lira (LM350) minflok seba mitt lira (LM700). Renald Formston xehed illi Tonio Montesin fl-ebda hin ma qralhom il-proposal form u huwa cert illi qatt ma gie mistoqsi jekk qattx gie misjub

hati ta’ xi reat. Renald Formston kompla jixhed illi fil-lejl ta’ bejn is-17 u it-18 ta’ Novembru 2002 kien ipparkja il-vettura tieghu East Street il-Belt u fis-2.30a.m. kien irceva telefonata minghand habib tieghu Joseph Griffiths illi infurmah illi l-vettura tieghu kienet inharqet. Huwa fil-pront nizel fejn il-vettura fejn sab il-pulizija u il-fire engine. Huwa xehed illi jaf illi kien hemm inkjesta bil-magistrat u esebixxa kopja tal-process verbal in kwistjoni.

“Ikkunsidrat :

“Illi mill-inkjesta magisterjali irrizulta illi ma kienx car kif beda n-nar fuq il-vettura in kwistjoni u il-Magistrat Inkwirenti ordna lill-pulizija ikomplu jinvestigaw il-kaz.

“Ikkunsidrat :

“Illi xehed Tonio Montesin, wiehed mid-Diretturi tas-socjeta` konvenuta Victoria Insurance Agency li tagixxi wkoll bhala agent tas-socjeta` Citadel Insurance plc. Huwa ikkonferma li l-attur Anthony Formston huwa assigurat maghhom u li sussegwentement Anthony Formston kien introducihom ma huh Renald Formston li ried jassigura l-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot 307. Eventwalment kienet harget il-polza relattiva ghal din il-vettura li giet assigurata comprehensive. Qabel ma harget il-polza huwa kien hadem kollox f’isem Renald Formston, izda peress illi Renald kien ghadu zghir fl-eta u ma kellux assigurazzjonijiet maghhom, ghalhekk ma kellux non-claim bonus, il-polza kienet ser tigih gholja u ghalhekk hadmu f’isem Anthony Formston li jigi hu Renald li kellu diga insurances maghhom, kellu n-non-claim bonus u b’hekk il-polza giet tiswa xi erba mitt lira anqas. Ghalhekk il-polza inharget f’isem Anthony Formston meta fil-fatt il-vettura kienet ta’ Renald Formston. Is-Sur Montesin xehed illi certu domandi fir-rigward tal-proposal form huwa ma kienx ghamilhom lil Anthony Formston. Huwa xehed illi meta ma ghamilx dawn id-domandi lil Anthony Formston huwa kien qieghed jassumi certi riskji u sussegwentement irrizulta li Anthony Formston kien gie misjub hati ta’ xi reati u minhabba f’hekk is-socjeta` Citadel irrifjutat li thallas il-claim li kienet saret.

“Illi rega xehed Tonio Montesin u ikkonferma li fil-proposal form hemm dikjarazzjoni fis-sens illi kull min qieghed jimla l-proposal form ghandu jaghti kull informazzjoni anke jekk ma giex mistoqsi dwarha li tista tkun relevanti ghall-finijiet tal-proposal form, izda xehed illi ma staqsix lil Anthony Formston jekk kellux xi affarijiet ohrajn relevanti xi jzid. Huwa xehed illi peress li l-authorised driver li kien Renald Formston kellu anqas minn ghoxrin sena huwa kien ikkommunika ma Citadel Insurance biex jara jekk setghax jibqa ghaddej bil-proposal form u is-Citadel kienu staqsewh jekk kellhomx assikurati xi affarijiet ohrajn u fil-fatt Anthony Formston kellu assigurati maghhom xi vetturi ohrajn u affarijiet ohra u ghalhekk is-Citadel qalulu illi setgha jibqa ghaddej bl-insurance. Tonio Montesin xehed illi ma jiftakarx jekk kienx staqsa lil Formston jekk kellhomx xi proceduri pendenti quddiem il-Qorti. Huwa ikkonferma li l-insurance harget daqs li kieku l-vettura kienet ta’ Anthony Formston, izda xehed li din ma kienitx taghmel differenza peress illi jekk Anthony Formston kien jiffirma li ma kellux oggezzjoni li l-flus jehodhom Renald ma kienux ser jinqalghu problemi. Huwa xehed illi sar jaf bil-kwistjoni tal-fedina penali ghar-rigward tal-proposer ftit wara li saret il-claim peress li tas-Citadel kienu infurmawh illi kienu qabdu private investigator u kien irrizulta li kien hemm xi precedenti ta’ natura kriminali. Is-Sur Montesin xehed illi l-proposal form qeghda b’mod generika u tkopri l-convictions kollha. Huwa xehed illi meta l-insurance saret taf dwar il-precedenti kriminali itterminat din l-insurance partikolari, izda l-insurances l-ohrajn li kien hemm ma gewx terminati, izda meta skadew ma gewx rinovati mill-insurance.

“Illi irrizulta mix-xhieda li tressqu illi saret investigazzjoni mill-insurance u irrizulta illi z-zewg atturi kienu gew misjuba hatja mill-Qrati ta’ reati kriminali, izda l-aktar li kien jinteressa lill-insurance kien l-attur Anthony Formston li kien il-policy holder. Irrizulta wkoll illi kien hemm allegazzjoni illi l-proposal form ma gietx iffirmata mill-atturi, izda wara li giet investigata din l-allegazzjoni irrizulta illi l-firma fuq il-proposal form kienet simili ferm ghall-firma li kien hemm fuq il-licenzja ta’ Renald Formston.

“Rat illi l-attur Renald Formston gie mistoqsi dwar il-‘proposal form’ illi imtliet meta hu u huh marru ghand Tonio Montesin fl-ufficji ta’ Victoria Insurance Agency u xehed illi huwa qatt ma kien ra dan id-dokument. Huwa cahad ukoll illi l-firma illi tidher fuq l-istess proposal form hija l-firma tieghu.

“Illi sussegwentement Renald Formston biddel il-verzjoni tieghu u xehed illi jista jkun illi l-firma li tidher fuq il-proposal form hija l-firma tieghu. Huwa ikkonferma li minkejja li l-vettura kienet inxurjata fuqu il-vettura setghet tinstaq minn huh.

“Ikkunsidrat :

“Illi rega’ xehed Tonio Montesin, Managing Director tas-socjeta` Victoria Insurance Agency Ltd u dana wara il-korrezzjonijiet illi saru fic-citazzjoni ix-xhud xehed ghall-fini tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mis-socjeta` Victoria Insurance Agency Ltd, kif ukoll moghtija mis-socjeta` Citadel Insurance plc ghat-talbiet ghad-dannu tal-atturi. Is-Sur Montesin xehed illi l-proposal form kienet saret fil-21 ta’ Jannar 2002, u cioe’ aktar minn sentejn qabel ma l-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni fic-citazzjoni rigward id-danni u dan wara t-talba tal-atturi ghall-istess korrezzjoni li wkoll saret aktar minn sentejn wara l-21 ta’ Jannar 2002. Is-Sur Montesin xehed illi l-proposal form intliet fil-prezenza taz-zewg atturi u giet iffirmata minn Renald Formston. Huwa xehed illi kif jirrizulta mill-istess proposal form fil-parti tal-firma il-persuna li tipproponi l-polza permezz ta’ proposal form hija obbligata li issemmi kull fatt li ragonevolment kellha thoss li kien rilevanti ghas-socjeta` assikuratrici li tkun taf u dan anke jekk ma tkunx mistoqsija dwaru. Huwa xehed illi is-Citadel Insurance plc eventwalment irrifjutat li thallas il-claim ghaliex l-atturi naqsu illi jirrilevaw fatti materjali u sostanzjali marbuta mal-fedina penali tal-assigurat u tal-authorised driver u dan bi ksur tal-obbligu tieghu ta’ uberrimae fidei, mhux biss kif jirrizulta mill-Ligi, imma anke kif jirrizulta mill-istess proposal form.

"Ikkunsidrat :

"Illi dwar dan xehed ukoll Dr Edmond Zammit Laferla, company secretary u legal affairs executive mas-socjeta` Citadel Insurance plc. Huwa xehed dwar il-perjodu meta intliet u giet iffirmata il-proposal form fil-21 ta' Jannar, 2002 mal-Victoria Insurance Agency Ltd u xehed li Citadel Insurance plc ma kellha l-ebda parti ma din il-polza ta' assikurazzjoni u dana peress li la hu u lanqas impjegati ohra tas-Citadel Insurance ma qatt iltaqghu ma l-atturi. Dr Zammit Laferla xehed illi l-korrezzjoni mitluba mill-atturi li biha gew mizjuda it-talbiet ghad-danni allegatament sofferti mill-istess atturi saret aktar minn sentejn wara d-data meta saret il-proposal form u cioe' 21 ta' Jannar 2002. Huwa xehed illi, ai termini tal-obbligu ta' uberrimae fidei, fil-mili ta' proposal forms il-proponent ghandu isemmi kull fatt li ragonevolment ihoss li huwa relevanti ghas-socjeta` assikuratrici u dan anke jekk ma jkunx gie mistoqsi dwaru. Illi jirrizulta li l-atturi naqsu milli jaghmlu dan, anke jekk kien hemm mistoqsija specifika dwar dan fl-istess proposal form, u kien biss wara li saret il-claim illi Citadel Insurance plc saret taf bil-fedina penali tal-atturi, wara li hija stess ghamlet ir-ricerki necessarji. Huwa xehed illi l-claim gie rifjutata ghaliex l-assigurati naqsu milli jirrilevaw fatti materjali marbuta mal-fedina penali taghhom, u dan bi ksur tal-obbligu tal-uberrimae fidei mhux biss kif jirrizulta mill-Ligi imma anke kif mitlub fil-proposal form.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Qorti rat is-sentenza taghha tas-17 ta' April, 2008 li permezz taghha laqghet it-tieni eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta` Victoria Insurance Agency Ltd u laqghet it-tielet eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta` Citadel Insurance plc u konsegwentement iddikjarat illi t-talbiet attrici, mizjuda b'awtorizzazzjoni tal-Qorti permezz tad-digriet taghha tas-16 ta' Jannar, 2007, huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, bl-ispejjez kontra l-atturi.

"Ikkunsidrat :

“Illi ghalhekk il-hames, is-sitt, is-seba’ u t-tmien talbiet attrici qeghdin jigu michuda.

“Illi ghalhekk il-Qorti issa sejra tikkonsidra l-ewwel erba talbiet tal-atturi fid-dawl tal-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti.

“Ikkunsidrat :

“Illi fir-rigward tal-ewwel erba talbiet attrici il-Qorti sejra tidhol fil-meritu u senjatament sejra tezamina jekk l-attur Anthony Formston kisirx l-obbligu ta’ ‘uberrimae fidei’ billi ghamel dikjarazzjoni falza fil-‘proposal form’, u kwindi dikjarazzjoni falza maghmula fil-‘proposal form’ hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza.

“Ikkunsidrat :

“Illi fit-18 ta’ Novembru 2002 l-attur Anthony Formston ghamel ‘claim’ mas-socjeta` konvenuta Citadel Insurance PLC wara li l-vettura tieghu inharqet u inqerdet kompletament.

“Illi kif jirrizulta mill-provi, wara li giet esebita il-fedina penali tal-attur Anthony Formston, u dan wara li tharrek l-Assistent Kummissarju Emanuel Cassar, jew rapprezentant tieghu u tela jixhed PS 222 John Mary Camilleri fit-23 ta’ Mejju 2005, l-attur Anthony Formston kiser l-obbligu ta’ ‘uberrimae fidei’ li japplika fil-kuntest ta’ kuntratti ta’ assikurazzjoni billi ghamel dikjarazzjoni falza fil-‘proposal form’ meta iddikjara “le” ghad-domanda “Have you or any additional drivers been prosecuted or convicted of any offence or is any such prosecution pending” u dana peress illi mill-fedina penali ta’ Anthony Formston jirrizulta illi Formston ghandu sensiela ta’ reati li taghhom instab hati mill-Qrati.

“Illi anke l-attur Renald Formston ghandu numru ta’ reati li taghhom gie misjub hati, kif irrizulta mill-fedina penali tieghu.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-atturi f’Jannar 2008 ipprezentaw dokumenti illi juru illi illum il-gurnata ic-certifikat tal-kondotta tal-attur Anthony Formston juri illi l-istess Anthony Formston ghandu fedina penali netta. Izda il-Qorti tara li dawn id-dokumenti huma ghal kollox irrilevanti u dana peress illi r-rikors li ghamel l-attur sar a tenur tal-Kapitolu 77 tal-Ligijiet ta’ Malta. Huwa minnu illi l-fedina penali tieghu illum tidher li hija netta. Izda dan bl-ebda mod ma ifisser illi huwa ma huwiex hati tar-reati illi ikkommetta fil-passat.

“Illi wkoll meta iffirma il-‘proposal form’, Anthony Formston ma kellux il-fedina penali netta, izda kienet mizghuda bir-reati li huwa kien ikkommetta, u dana peress illi kien ghadu ma ghamilx ir-rikors sabiex jordna lill-Kummissarju tal-Pulizija ihassarlu l-kundanni imsemmija fic-certikat tal-kondotta tieghu u ghalhekk il-mument rilevanti huwa dak meta Anthony Formston iffirma il-‘proposal form’ u mhux wara.

“Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet “Charles Degiorgio nomine vs Austin Agius et” tal-25 ta’ Gunju, 1962 din il-Qorti qalet illi :

“Il-kuntratt ta’ assikurazzjoni huwa meqjus bhala wiehed tal-aqwa “buona fede” u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-‘proposal form’. Anzi hu generalment ritenut illi l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragjonevolment ghandu jhoss li hu rilevanti ghall-assikuratur li jkun jaf u dan anke jekk ma jkunx gie mistoqsi dwaru. U jekk il-proponent ma jaghtix lill-assikuratur il-kwadru sewwa u ezatt tal-oggett tal-kuntratt u dan jaghmlu in ‘buona fede’ din ghandha importanza biss relattiva u ferm relattiva; u l-assikuratur ikollu d-dritt jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt tal-assikurazzjoni, purche d-dettalji ommessi jkunu tali li jinkfluwixxu fuq id-decizjoni biex l-assikuratur jasal ghal kuntratt fil-forma li jkun iffirmah.

“Ikkunsidrat :

“Illi huwa ritenut ukoll mill-Qrati taghna illi l-‘proposal form’ hija parti integrali tal-polza tal-assikurazzjoni u ghalhekk dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija daqs dikjarazzjoni falza fil-polza u ir-riskji kontemplat mis-socjetajiet konvenuti huma dawk kontemplati fil-mument tal-kuntrattazzjoni tal-assikurazzjoni u kif espressa fil-polza. (Vide sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal- 31 ta’ Jannar, 1952 fl-ismijiet “Antonio Zammit vs Joseph Micallef nomine”).

“Illi wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet “Angelo Spiteri vs Citadel Insurance plc” tat-28 ta’ April, 2004, jekk ikun xi hadd iehor illi jimla l-‘proposal form’ lill-assikurat, dik it-terza pesuna tkun qeghda tagixxi f’isem l-assikurat u mhux f’isem is-socjeta` assikuratrici u ghalhekk dik it-terza persuna tkun il-mandatarju biss tal-assikurat u ta’ hadd iktar u ghalhekk xejn ma jiswa illi l-attur Anthony Formston ighid illi l-‘proposal form’ ma kienitx imtliet minnu, izda minn haddiehor ghalih b’referenza ghal Tonio Montesin, u dan ghaliex il-‘proposal form’ de quo hija l-offerta li ghamel l-istess attur bhala l-proponent tal-polza u li a bazi taghha is-socjeta` konvenuta Citadel Insurance PLC harget il-polza ta’ assikurazzjoni relattiva.

“Illi wkoll l-atturi dejjem kienu fid-dmir illi jaqraw u jifhmu il-‘proposal form’ qabel ma jiffirmawha. (Vide sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “Joseph Mamo vs Joseph Grech et noe deciza fit-3 ta’ Ottubru 2002).

“Illi l-Qorti rat ukoll f’dan il-kuntest sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta’ Mejju 2004 fl-ismijiet “Salvatore Sammut vs Middle Sea Insurance plc” fejn il-Qorti qalet illi l-mod kif isiru d-domandi ghall-mistoqsijiet fil-proposal form huwa ghal kollox irrilevanti billi l-principju hu li ‘the potential parties to an insurance contract are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information which is material” u hawn hekk saret referenza ghall-ktieb “Modern Insurance Law” ta’ John Birds.

“Illi l-Qorti rat ukoll sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet “Briffa vs Camilleri” tad-9 ta’ Frar 2001 fis-sens li hu

obbligu tal-attur li di sua sponte u volontarjament ipoggi l-informazzjoni kollha ghad-disposizzjoni tas-socjeta konvenuta li hadet l-inkarigu li timla l-proposal form, u dana rrispettivament minn jekk hu kienx gie jew le mitlub minn din l-istess socjeta li jaghmel hekk.

“Illi ghalhekk l-assikurazzjoni hija gustifikata li toqghod fuq dak li jigi dikjarat lilha fil-‘proposal form’ in kwantu l-assikurat jaghti garanzija li dak li qal huwa l-verita.

“Illi fil-kaz odjern irrizulta ampjament illi l-atturi naqsu milli jizvelaw kull fatt li ragonevolment kien rilevanti ghas-socjeta` assikuratrici li tkun taf dwaru u dan anke jekk ma gewx mistoqsija dwar dan il-fatt, u jirrizulta illi l-atturi naqsu milli jaghmlu dan anke jekk kien hemm mistoqsija specifika dwar din il-kwistjoni fil-‘proposal form’.

“Illi kien biss wara li saret il-‘claim’ in kwistjoni li s-socjeta` konvenuta Citadel Insurance saret taf bil-fedina penali tal-atturi, wara li hija stess ghamlet ir-ricerki necessarji, wara li qieset ic-cirkostanzi tal-istess ‘claim’ bhala suspettuzi.

“Ghalhekk ma hemm l-ebda dubbju illi l-attur Anthony Formston kiser l-obbligu ta’ ‘uberrimae fidei’ meta fil-proposal form ghamel dikjarazzjoni falza illi ma kienitx tirrispekkja il-verita`.”

**L-appell tal-atturi.**

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenzi fuq riportati u ghalhekk, b’rikors intavolat fil-25 ta’ Frar, 2009 talbu li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza *in parte* moghtija fis-17 ta’ April, 2008, u konsegwentement tichad it-tieni eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta` Victoria Insurance Agency Ltd u t-tielet eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta` Citadel Insurance p.l.c., u thassar u tirrevoka s-sentenza finali tal-Ewwel Qorti tat-18 ta’ Frar, 2009 u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet attrici. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetajiet konvenuti.

Is-socjetajiet konvenuti pprezentaw mhux biss risposta ghar-rikors tal-appell tal-atturi izda wkoll appell incidentali u talbu li s-sentenza in parte tal-Ewwel Istanza moghtija fis-17 ta’ April, 2008, tigi konfermata fis-sens li ddikjarat illi l-hames, is-sitt, is-seba’ u t-tmien talba huma preskritti; u s-sentenza finali tat-18 ta’ Frar, 2009, tigi konfermata fis-sens illi l-Ewwel Qorti laqghet it-tielet u r-raba’ eccezzjonijiet tal-appellati u cahdet l-ewwel erba’ talbiet tal-appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti, u **dan bla pregudizzju ghall-appell incidentali li qieghed jigi pprezentat kontestwalment.**

Fl-appell incidentali pprezentat mis-socjetajiet appellati dawn talbu li din il-Qorti “thassar u tirrevoka id-digriet tal-ewwel Qorti moghti fis-16 ta’ Jannar, 2007, li bih l-appellanti Renald Formston u Antoine Formston gew awtorizzati jzidu l-hames, is-sitt, is-seba’ u t-tmien talba mac-citazzjoni odjerna, thassar u tirrevoka d-digriet tal-Ewwel Qorti moghti fit-3 ta’ April, 2007 li bih dik il-Qorti cahdet it-talba tas-socjetajiet appellanti ghar-revoka tad-digriet tas-16 ta’ Jannar, 2007 imsemmi hawn fuq, u dan qabel ma tinghatha decizjoni fuq il-hames, is-sitt, is-seba’ u t-tmien talba; f’kaz biss li din il-Qorti jidhrilha li ghandha tirrevoka s-sentenza appellata anke in parte (u dan relattivament ghall-ewwel erba’ talbiet tal-appellanti), tiddeciedi l-ewwel zewg eccezzjonijiet (ta’ natura preliminari) jew tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti skont il-kaz; u f’kaz li din il-Qorti jidhrilha li ghandha tirrevoka s-sentenza in parte appellata anke in parte, tiddeciedi l-eccezzjonijiet ulterjuri (ta’ natura preliminari) hawn fuq imsemmija jew tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti skont il-kaz. Bl-ispejjez kollha kontra l-appellati Renald u Antoine Formston, inkluzi l-ispejjez tal-appell incidentali odjern.”

L-atturi appellanti ressqu diversi aggravji kontra s-sentenzi appellati billi qed jigi sottomess:-

a) illi t-talbiet li gew dikjarati preskritti bis-sentenza preliminari ma kellhomx jigu hekk dikjarati a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) illi fil-mertu l-oppozizzjoni ghal hlas ma tistax tinghatha *per via di eccezzione* izda kien jispetta li s-

socjetajiet konvenuti jistitwixxu proceduri *ad hoc* a tenur tal-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.
c) illi Anthony Formston kien in *buona fede* u lanqas biss ma ffirma l-*proposal form*.
d) illi r-reati li taghhom kien misjub hati Anthony Formston ma humiex pertinenti ghar-riskju assunt mil-assikurazzjoni.
e) illi minhabba t-trapass taz-zmien ic-certifikat tal-kondotta qatt ma kellu juri ir-reati li taghhom l-attur gie misjub hati u dan skont ma jipprovdi l-Kap. 77.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Fl-ewwel aggravju l-appellanti qed jissottomettu li s-sentenza preliminari tas-17 ta' April, 2008 hija skorretta billi a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili il-korrezzjoni tac-citazzjoni skont d-digriet tas-16 ta' Jannar, 2007 kienet biss proponibbli wara li rrizultaw certa fatti mix-xhieda ta' Tonio Montesin li xehed fit-23 ta' Mejju, 2005.

Qabel xejn ghandu jigi rilevat li l-Artikolu 2153 ma jitkellimx dwar minn meta l-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda tiddekorri billi dan l-artikolu jiddisponi biss li l-preskrizzjoni tal-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bl-eghluq ta' sentejn. Mill-gist tar-rikors tal-appell jidher li l-appellanti qeghdin isejsu dan l-aggravju fuq l-Artikolu 2137 ta' Kap. 16 li jiddisponi li *"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista` tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

It-talbiet li gew introdotti bid-digriet fuq imsemmi jikkontemplaw danni mhux naxxenti *ex contractu* izda danni *ex delicto* in kwantu dawn id-danni mhux marbutin mal-kuntratt ta' assikurazzjoni li a bazi tieghu kienu istitwew dawn l-proceduri l-ahwa Formston, izda rizultanti minhabba "*agir abbuziv da parti tal-konvenuti jew min minnhom*" liema agir abbuziv, skont l-atturi, irrizulta mix-xhieda li ta Tonio Montesin fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2005. Dan l-agir abbuziv donnu jitwieled mill-fatt li l-istess Montesin kien issugerixxa illi l-assikurazzjoni tkun

registrata fuq Anthony Formston biex jigi agevolat l-attur Renald Formston u li dan wassal ghac-cahda tal-polza mill-assikurazzjoni billi rrizulta li dan Anthony Formston kellu reati registrati fuq il-fedina penali tieghu.

Illi d-data ta’ meta xehed Tonio Montesin cioe` is-17 ta’ Frar 2005 ma tistax tittiehed bhala d-data relevanti ghall-finijiet u effetti tal-Artikolu 2137 fuq citat u dan billi jirrizulta ampjament mill-affidavit ta’ Renald Formston pprezentat fit-12 ta’ Dicembru, 2003 li kemm hu kif ukoll huh kienu konxji tal-fatt li Montesin, waqt in-negozjati ghall-hrug tal-polza, kien issugerixxa li l-assikurazzjoni tkun f’isem Anthony Formston u kien proprju minhabba dan il-fatt li huma istitwew dawn il-proceduri stante ir-rifjut tal-assikurazzjoni li tonora l-polza ta’ assikurazzjoni minhabba l-fedina penali tal-istess Anthony Formston. Illi ghalhekk din il-qorti ma taqbilx li l-preskrizzjoni estintiva ghall-ahhar erba’ talbiet, cioe` dawk introdotti aktar tard fil-kors tal-kawza, kellha tibda tiddekorri mill-2005.

Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u qed jigi michud u s-sentenza preliminari tas-17 ta’ April, 2008 qed tigi kkonfermata bl-ispejjez ta’ dan l-appell ghall-atturi appellanti.

**Ikkunsidrat:**

L-appellanti qed jsostnu li a tenur tal-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-assikurazzjoni ma tistax tahrab mill-obbligi taghha taht il-polza billi semplicement tqajjem il-kwistjoni “*per via di eccezzione*”. Din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. Il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa intiz “*To make provision <u>against third party risks</u> arising out of the use of a motor vehicle*”. Sid il-vettura assikurata li tkun sofriet danni bhala rizultat ta’ hruq mhux kopert b’din il-ligi billi f’dan il-kaz ghandhom effett il-principji generali tal-ligi civili naxxenti mill-istitut tal-kuntratti u dak dwar l-obbligazzjonijiet in generali.

Fl-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 il-legislatur introduca obbligu tassattiv fl-interess ta-terzi danneggati bl-uzu ta’ vettura billi jimponi l-obbligu fuq l-“*authorised insurer”* li <u>jonora</u> kull

sentenza li tinghatha kontra l-assikurat tieghu "*notwithstanding that the authorised insurer* <u>*may*</u> *be entitled to avoid or cancel, or may have avoided or cancelled the policy".* B'dan kollu l-assikurazzjoni tkun mehlusa mill-obbligu li thallas kull somma dovuta skont is-subartikoli precedenti ghas-subartikolu 10(3) jekk, skont dan is-subartikolu hija tkun "*in an action commenced before, or within three months after, the commencement of the proceedings in which the judgement was given,"* otteniet sentenza fejn jigi dikjarat li hija "*is entitled to avoid it on the ground that it was obtained by the non-disclosure of a material fact or by the representation of fact which was false in some material particular…."*

Dawn il-proceduri odjerni ma jikkoncernawx "*claim*" ta' terza persuna kif kontemplat mil-Kap 104 u ghalhekk it-terminu impost fuq l-assikurazzjoni biex tistitwixxi proceduri biex tannulla l-kuntratt u ma thallasx lit-terz mhux applikabbli. Izda fil-kaz in ezami l-assikurazzjoni qed tipprevalixxi ruhha mid-dritt taghha li ma tonorax l-obbligi assunti *vis-à-vis* l-assikurat taghha nnifsu, stante li dan kiser l-kundizzjonijiet tal-hrug tal-istess polza – *inademplendi non est ademplendum*. (Ara f'dan il-kuntest is-sentenza citata mil-appellanti nfishom fir-rikors tal-appell u cioe` dik moghtija fil-kawza fl-ismijiet S**. Sammut v. Middlesea Insurance p.l.c.** deciza 14 ta' Mejju 2004.)

Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u qed jigi michud.
**Ikkunsidrat:**

Qed jigi sottomess li Anthony Formston kien in *buona fede* u ddahhal fil-kwistjoni minghajr ma kellu x'jaqsam u sahansitra lanqas biss iffirma l-"*proposal form*". Din il-Qorti hija sorpriza b'din l-asserzjoni u tistaqsi, kif jista' wiehed jkun in *buona fede* meta japplika ghall-polza ta' assikurazzjoni fuq vettura li ma hijiex tieghu u fl-istess hin jiddikjara li hu s-sid tal-istess vettura, jirrispondi l-mistoqsijiet kollha hemm imnizzla fil-proposal form, u fl-ahhar jiddikjara li "*I declare that to the best of my knowledge the above statements are true and complete and that I have not witheld or concealed anything affecting the proposed insurance*". Fl-ahharnett wara tali

dikjarazzjoni jhalli lill-huh cioe` sid il-vettura proprja, jiffirma l-istess proposal form – donnu biex, bhal Pilatu, jahsel idejh. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti ma hu xejn anqas minn ingann biex l-attur Renald Formston, il-vera sid tal-vettura, jibbenefika minn riduzzjoni fil-prezz tal-"*premium*" a skapitu tal-assikurazzjoni. Min ippartecipa f'din il-farsa ghandu jbati l-konsegwenzi kollha inkluz il-fatt li l-istess assikurazzjoni hija ntitolata tevita l-obbligi taghha taht il-polza billi hu, fid-data tal-applikazzjoni, kellu kondotta mcappsa.

Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

L-appellanti qed jsotnu wkoll li l-eccezzjoni sollevata mis-socjetajiet konvenuti ma ghandhiex tigi akkolta billi r-reati li taghhom kien gie misjub hati Anthony jew Antoine Formston ma humiex konnessi ma' l-uzu ta' vettura u kwindi huma ghal kollox irrilevanti ghal kwistoni tar-riskju li tassumi l-assikurazzjoni.

Din il-Qorti ma tikkondividix din is-sottomissjoni billi (a) fl-ewwel lok il-*Proposal Form* ma taghmel ebda distinzjoni bejn reat u iehor billi ll-mistoqsija numru 11 (tieni pagna tal-*proposal form*) tistaqsi semplicement "*Have you or any additional drivers been prosecuted or convicted of any offence or is any such prosecution pending? If yes, give details.*" Ghalhekk li tghid li r-reati ta' liema nstab hati l-assikurat ma kienux relevanti, huwa ghal kollox zbaljat. (b) fit-tieni lok din il-Qorti tosserva li l-mistoqsija numru 11 hija redatta sewwa billi jekk kellha ssir distinzjoni bejn reat u iehor, jinfetah bieb ghall-interpretazzjoni li tista` twassal ghall-konkluzjonijiet kontradittorji. Wara kollox il-'*proposer*' jiddikjara, kif rajna aktar 'l fuq, li dak li ddikjara "*are true and complete"* u ma jistax issa jehles mill-obbligu tal-*uberrimae fide* billi jghid li dak li ma ddikjarax ma kienx relevanti.

Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat u qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Finalment l-appellanti jissottomettu li c-certifikat tal-kondotta, mihabba l-moghdija taz-zmien, qatt ma kellu juri r-reati li wasslu ghac-cahda tal-polza ta assikurazzjoni. Dan l-argument huwa fallaci billi fl-ewwel lok l-*proposer* ma huwiex mitlub jizvela fuq il-*proposal form* reati li jidhru fuq certifikat tal-kondotta izda huwa mitlub jiddikjara jekk huwa effettivament giex misjub hati ta' xi reat jew jekk ghaddej minn proceduri kriminali u, fl-affermattiv, jaghti dettalji. Fit-tieni lok huwa ghal kollox irrilevanti jekk, bil-moghdija taz-zmien, reati jigu kkancellati minn fuq ic-certifikat tal-kondotta billi l-mument propizju ghall-fini tal-validita` o meno tal-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa dak inhar li tintmela l-*proposal form*. Ghalhekk jekk l-attur Antoine Formston, fid-data li applika ghall-polza ta' assikurazzjoni cioe` fil-21 ta' Jannar, 2002, kien gja misjub hati ta' xi reat jew kien ghaddej minn proceduri kriminali, dan kien sufficjenti biex huwa jonora l-obbligu impost bil-mistoqsija numru 11 fuq imsemmija.

Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-premess din il-Qorti ma tarax il-htiega li tezamina u tiddeciedi fuq dak li qed jintalab fl-appell incidentali tas-socjetajiet konvenuti billi, gialadarba l-appell mis-sentenza preliminari tas-17 ta' April, 2008 qed jigi michud, ikun superfluwu li din il-Qorti tordna r-revoka tad-digriet tas-16 ta' Jannar, 2007 li kkonceda lill-atturi d-dritt li jitolbu l-korrezzjoni tac-citazzjoni kif korretta, u daqstant ikun superfluwi li din il-Qorti tordna r-revoka tad-digriet tat-3 ta' April, 2007 li permezz tieghu l-Ewwel Qorti cahdet it-talba tas-socjetajiet konvenuti ghar-revoka tad-digriet tas-16 ta' Jannar, 2007. Infatti l-istess socjetajiet appellanti jirrikonoxxu dan il-fatt billi jitolbu decizjoni fuq dawn il-kwistjonijiet jekk din il-Qorti "*jidhrilha li ghandha tirrevoka s-sentenza appellata anke in parte*".

Ghar-ragunijiet fuq moghtija filwaqt li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-appell incidentali tas-socjetajiet

konvenuti in vista ta’ dak li ser jigi deciz fir-rigward tal-appell principali; fit-tieni lok tichad l-appell tal-atturi Formston u b’hekk tikkonferma fit-totalita` taghhom is-sentenzi appellati tas-17 ta’ April, 2008 u dik tat-18 ta’ Frar, 2009 u dan bl-ispejjez kollha kontra l-atturi appellanti inkluzi dawk tal-appell incidentali tas-socjetajiet konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------